# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Jonathan Said**

Illum, 09 ta' April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Jonathan Said** (I.D. 29975 M) iben Joseph u Julie nee' Brincat imwieled fil-22.12.1974 u joqghod 14, Mille Miglia, Triq Annibale Preca, Lija akkuzat talli fl-4 ta' Mejju, 2022 ghall-habta ta' 17:45 hrs fi Triq il-Wied, Birkirkara, soqt vettura b' numru ta' registrazzjoni OOM030.

1. B' manjera traskurata.
2. U talli soqt l-imsemmija vettura b' maniera perikoluza;
3. U b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, involontarjament

ikkagunajt offiza gravi fuq il-persuna ta’ Josef Portelli minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skond kif iccertifika Dr Daniel Mizzi MD mill-MDH.

Il-prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Il-Qorti giet mitluba li f’ kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi, tnaqqas il-punti mill-licenzja tas-sewqan hekk kif stabilit mill-L.S. 65.18 Art 36B u fil-L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat l-affidavit ta’ PS 408 Mark Schembri, semghet ix-xhieda ta’ Josef Portelli fis-seduta tal-13 ta’ Frar, 2023; rat l-affidavit ta’ Dr Daniel Mizzi ezebit fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023; semghet ix-xhieda ta’ PS 408 Mark Schembri li ezebixxa rapport updated Dok MS1, CCTV Dok MS 2, zewgt ritratti Dok MS3 A u B fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2023; ta’ Christopher Colombo fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023; tal-imputat Jonathan Said fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023;

Rat li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-artikolu Kap. 65 Art 15(1)(a)(2), Kap. 9 Art 226 (1)(b), L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt Skeda.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti  u l-atti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**PS 408 Mark Schembri** xehed permezz ta' affidavit. Nhar l-4 ta' Mejju, 2022 ghall-habta ta' 17:45 hrs gew infurmati illi gewwa Triq il-Wied, Birkirkara, faccata tas-showroom ta' Satariano kien sehh incident tat-traffiku u kienet harget ambulanza minhabba li wiehed mis-sewwieqa kien garrab xi griehi. Il-Pulizija distrettwali rrikorrew fuq il-post fejn gewwa Triq il-Wied faccata ta' Satariano gie nnutat mutur bin-numru ta' registrazzjoni JOS-598 f' nofs tat-triq u maqlub fuq in-naha tal-lemin. Ix-xhud xehed fuq l-involviment tieghu fil-kaz.

<u>PS 408 Mark Schembri</u>, xehed *viva voce* fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2023. Jezebixxi updated report, CCTV footage li juri l-incident isehh li ngabar mis-Showroom ta` Satariano u zewg ritratti li ha hu stess fuq il-post.

Jixhed li meta wasal fuq il-post il-vettura involuta kienet diga imressqa minn fuq il-post u ipparkjata mal-genb. Il- mutur bin-numru tar-registrazzjoni JOS 598 kien f`nofs tat-triq maqluba fuq in-naha tal-lemin. Il-karozza involuta fl-incident ghandha n-numru ta' registrazzjoni OOM030, kienet fis-service road u ma tidhirx fir-ritratti ezebiti.

In kontro-ezami jirrispondi li l-istharrig preliminari jikkonsisti minn dak li jirrizultalu wara li jkun ha l-verzjonijiet taghhom u dak li jirrizultalu meta jasal fuq il-post.

Jikkonferma li lil imputat kellmu fuq il-post.

Mistoqsi fuq jekk kienx hemm continous white line jew broken white line jirrispondi.

"Xhud: Continuous fejn il-white line umbaghad huwa broken iktar ftit il-fuq minn fejn daret il-vettura."

Mistoqsi kif jista' jghid hekk peress li meta wasal fuq il-post il-karozza kienet tiga' incaqilqa minn fuq il-post jirrispondi

“Qorti: Ghaliex qed tghi li l-broken white line qeghda iktar il-fuq allura?

Xhud: Ghaliex fejn hemm is-service road hemm qisgha traffic island twila fejn hemm is-sigar il-mutur kien parallel ezatt ftit il-fuq ma fejn hemm ic-central strip bejn central strip u service road hemm main road il-vettura qalli is-sinjur Jonathan Said qalli li kien

Mistoqsi dwar fejn ghamel il-manuvra l-imputat, li qed jaghraf fl-awla, jirrispondi li l-imputat kellmu fuq il-post qallu li kien qed idur minn mat-traffic island. Dak iz-zmien tal-incident kien hemm “faded cintinuous white line.”

Mistoqsi jekk jirrizultax jekk kienx hemm impatt bejn il-vetturi jirrispondi li mill-istharrig preliminari li ghamel ma kienx hemm impatt bejn il-vetturi.

**Josef Portelli**, il-parte civile, xehed fis-seduta tat-13 ta’ Frar 2023. Jixhed li fil-4 ta’ Mejju 2022 kien ghaddej mill-Wied ta’ Birkirkara direzzjoni Mosta. Kien ghaddej mill-Imsida ghall-Birkirkara, hdejn Satariano hemm service road u l-imputat hareg minnha minn naha tar-right (lemin) tieghu.

“Qorti: Igifieri qasam il-karregata biex jigi quddiemek?

Xhud: Qasam il-karreggata u hareg quddiemi ghamel qisu U-Turn.”

Ix-xhud kien qed isuq mutur. X’ hin rah hiereg kien qisu tul ta’ karozza u nofs. Ix-xhud ghafas il-brake u skiddja.

“Qorti: Igifieri hu ma laqtekx?

Xhud: Ma laqatnix pero skiddjajt biex nipprova nevitah ghax ilbqija kont ninfaqa go fih.”

Il-feriti li sofra kienu jikkonsistu ksur f`idejh fil-polz u anka fil-minkeb

**Affidavit ta’ Dr Daniel John Mizzi M.D**. mahluf fit-22 ta’ Gunju, 2022. Jikkonferma li ezamina lil Josef Portelli fl-isptar Mater Dei nhar il-04 ta’ Mejju, 2022 u sabu li kien qed isofri minn (i) Displaced fracture of the right radial head (ii) Fracture of the right radial styloid (iii) Perilunate dislocation of the right wrist. Il-griehi gew klassifikati mit-tabib bhala ‘”of a grevious nature, saving complications.”

**Christopher Colombo**, xehed fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023. Dak in-nhar tal-incident kien ghaddej bil-mutur fi trieqtu lejn ix-xoghol u lemah persuna ma l-art u mutur vicin tieghu. Waqaf fil-gemb biex jara jekk kellux bzonn xi haga, qallu li mugugh u cempel ghall-ghall-ambulanza, baqa hemm ikellmu u jassistih sakemm gew tal-ambulanza. Ma jiftakarx id-data imma l-incident sehh fi Triq il-Wied B`Kara. Il-Pulzija hadulu statement dak in-nhar. Muri r-ritratt Dok MS3 u 3A jirrispondi li jaqbel mar-ritratt u li hu ma rahax il-habta.

<u>Provi tad-difiza</u>

**Jonathan Said,** l- imputat, xehed fis-seduta tal-10 ta’ Lulju, 2023. Jixhed

“Xhud: Iva, mela jien nahdem Valley road B`Kara u nahseb ili il-fuq minn 15-il sena f`din it-triq u tlaqt mix-xoghol inzilt mis-service road ta fejn hemm is-Showroom ta` Satariano u gejt biex nohrog issa jiena kont gej mid-direzzjoni ta` B`Kara u sejjer lejn l-Imsida u gejt biex indur il-fuq lejn B`Kara igifieir biex nifthemu lejn McDonalds kien hemm karozza ipparkjata bajda allura jiena ma stajtx ovvjament nara allura bilfors kelli nohrog ftti biex nesponi nara x`inhu gej traffiku minn naha tar-right.”

Jixhed li l-karozza ipparkjata kienet qed tostakola l-vizzjoni mill-vetturi niezlin minn hdejn il-Mc Donalds u li bilfors wiehed irid jesponi ruhu jara x`traffic ikun gej minn naha tar-right.

Mistoqsi fuq ir-road markings jghid li r-road markings hemm hekk huwa broken white line ghalkemm hu faded u li recentement gew mizbughin.

| | |
|---|---|
| "Avu: | Ok inti bil-gurament tieghek ghidilna x`kien hemm road markings? |
| Xhud: | Ir-road markings dak iz-zmien kienu faded pero hemmekk cert hemm broken white line il-ghaliex kif ghedtlek ilni nahdem 15 il-sena f`dik it-triq, umbaghad jiena ovvjament rajt li mhux gej traffiku minn naha tar-right harist lejn in-naha tal-left mid-direzzjoni ta`l-Imsida fil-pront rajt mutur gej bi speed mhux hazin ovvjament jiena ma hrigtx kont wieqaf dan il-mutur ghafas il-brake f`daqqa u nfatti qabizni bir-rota ta` quddiem igifieir beda qabel." |

Mistoqsi mill-Qorti jikkonferma li kien fil-karregata tal-karozzi nezlin, u li ma jafx ir-raguni li l-mutur waqa ma l-art u baqa' ghaddej minn quddiemu.

Meta raha l-mutur kien hemm distanza ta' tul ta' karozza, karozza u nofs. Qabel ma gara l-incident kien waqaf diversi sekondi ghaliex kien hareg biex jesponi ruhu biex jara. Kienu ghaddew diversi vetturi quddiemu wara li waqaf.

“Avu: Ara sinjur qed taraha l-karozza miexja issa umbaghad waqfet, Mhu vera xejn bhal ma qed tghid int ma mxejtx x`inhi l-verita ghidilna.

Xhud: Jiena ippruvajt nohrog pero ma hrigtx fuq in-naha tal-karregata tas-sur Portelli.”

Ikkunsidrat

L-incident sehh meta l-imputat kien hiereg minn side road vicin tal-istabiliment ta’ Satariano biex jaghmel U-turn u l-parte civile li kien qed isuq mutur ghafas il-brake u skidja biex jevita l-karozza tal-imputat. Impatt bejn il-vetturi ma kienx hemm.

Dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Is-sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm a proper look out. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza gl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo (Appell Numru 313/2019) 25/7/2023**

> Illi kull sewwieq għandu l-obbligu li jżomm ’l hekk imsejjaħ proper look out. Fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Roderick Debattista (Numru 18/2004) mogħtija fis-26 ta’ Mejju 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:
>
> “Bħalma qalet din il-Qorti diversament preseduta presjeduta fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Noel Gauci deċiż fil-25 ta’ Marzu, 2004:
>
> “Ġie appropositu ritenut li ‘hu dover ta’ driver to see what is in plain view’ (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10.8.1963] u li ‘min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara jfisser li ma kienx qed iżomm a proper lookout’ Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17.6.1961]. Illi fi Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd. (1968), il-Qrati Ingliżi kienu rritenew li:

> “Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well”

Ikkunsidrat

Illi mill-provi a dispozizzjoni taghha ma jirrizultax li l-imputat zamm a proper look out, huwa raha lil mutur misjuq mill-parte lesa riesaq lejh u xorta beda l-manuvra ta’ U turn.

Kif intqal fi-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Denise Mula) vs Natasha Mohnani [App. Krim. 75/01 JGD, deciz fil-11 ta' Lulju, 2002]

> "Illi kif dejjem gie ritenut, “ghalkemm driver ghandu joqghod dejjem attent , sija jekk ikun fuq it-triq id-dritta, kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, hu intuwittiv li id-driver li jkun sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu akbar minn dak tad-driver fuq it-triq id-dritta , u dana ghas-semplici raguni li hu jkun ser jaqsam l-”stream of traffic” li jkun hemm fuq it-triq iddritta , mentri iddriver fuq it-triq id-dritta , ladarba ser ikompli ghad-dritt , ma jkun ser ifixkel lil hadd .” (Kollez. Vol. XXXVI , iv. p.797 ). Gie ukoll ritenut li is-”side road user” ghandu dritt li jaqsam gol “main road” meta bid-debita prudenza ikun accerta ruhu li din hija libera (App. Krim. Pul. vs. Nazzareno Borg , 12.11.1960 ) 2 App. Krim. 75/01 JGD, deciz fil-11 ta' Lulju 2002. 7 u li “side road user” irid jidhol go “main road” bla ma jiehu riskju li driver prudenti ma jiehux.” (App. Krim. Pul. vs. Giuseppe Galdes, , Vol. XXXVII , iv. p. 1108”

Il-Qorti wara li hadet in kunsiderazzjoni l-provi kollha a dispozizzjoni taghha qed tiddeciedi li l-imputat naqas milli jzomm l-addebita prudenza u s-sewqan tieghu kien perikoluz.

F’ dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni li involontarjament ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta’ Josef Portelli, allavolja mill-provi jirrizulta li ma kienx hemm impatt bejn iz-zewgt vetturi s-sewqan tal-imputat u l-manuva li ghamel kienet il-kawza prossima tal-incident.

Mill-affidavit tat-tabib **Dr Daniel John Mizzi M.D**. mahluf fit-22 ta’ Gunju 2022 jirrizulta li Josef Portelli sofra griehi ta’ natura gravi.

Il-Qorti qed tikkunsidra li din l-imputazzjoni giet ipprovata.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, Art 226 (1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta , Art. 36B tal-L.S. 65.18 u s-sitt skeda ta’ L.S. 65.18 qed issib lil imputat **Jonathan Said** mhux hati tal-ewwwel imputazzjoni u tilliberah minn kull htija u piena dwar l-istess izda hati tat-tieni u tielet imputazzjonijiet u qed tikkundannah ghal multa ta’ elfejn u tlett mitt ewro (2300) u li l-imputat ikun skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal zmien tlett(3) xhur u ghaxar (10) punti fuq il-licenzji kollha tas-sewqan.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**